MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 320/1998/1

**David Mallia**

**v.**

**Benjamin Muscat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Benny's Catering Ltd.**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk;

"Peress illi l-attur dahal fi kuntratt ghall-kiri tal-post maghruf bhala Palazzo Pescatore gewwa *St. Paul Street,*

*St. Paul's Bay* u dan ghal-lejl wiehed biss ta' bejn is-Sibt 27 ta' Settembru 1997 u l-Hadd 28 ta' Settembru 1997;

"Peress illi l-konvenut nomine iggarantixxa illi l-post jibqa' miftuh sal-erbgha ta' filghodu u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok "A";

"Peress illi l-konvenut nomine ta garanziji verbali illi l-attur jista jibqa' jdoqq il-muzika anki sas-sebgha ta' filghodu;

"Peress illi l-istabbiliment kien adebit mir-rikwiziti kollha legali;

"Peress illi bil-lejl ta' bejn is-Sibt 27 ta' Settembru u l-Hadd 28 ta' Settembru 1997 gew il-pulizija fuq il-post u gaghlu lill-attur jaghlaq il-post minhabba l-fatt li l-lokal ma kellux permess li jopera;

"Peress illi l-attur nefaq hafna flus fuq reklamar, DJ's barranin u xorb u tilef hafna flus minhabba l-fatt li l-pulizija ma hallewhx jkompli jdoqq muzika u anki ghall-fatt li ghalaq il-post;

"Peress illi l-attur sofra danni kemm ta' natura pekunarja kemm ta' natura ta' telf ta' qliegh u kemm bhala reputazzjoni;

"Jghid il-ghaliex l-Onorabbli Qorti ma ghandiex tikkundannah;

"1. Tiddikjara l-konvenut nomine responsabbli ghad-danni kagunati lill-attur;

"2. Tillikwida d-danni hekk kagunati lill-attur;

"3. Tordna lill-konvenut li jhallas lill-attur dawk id-danni hekk likwidati u kagunati;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa illi;

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi effettivament il-fond Palazzo Pescatore gie maghluq wara l-4:00am u dana skond il-ftehim bejn il-partijiet, tant li l-ahhar nies hargu mill-fond fil-5:30am u dana kif jigi ahjar ippruvat fit-trattazzjoni.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur fi kwalsiasi kaz ma sofra ebda danni.

“3. Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine li tghid hekk;

“Peress illi l-kontendenti dahlu fi ftehim fil-25 ta’ Awwissu 1997, ghal kiri tal-fond maghruf bhala Palazzo Pescatore gewwa Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, u dan ghal-lejl wiehed biss ta’ bejn is-Sibt 27 ta’ Settembru 1997 u l-Hadd 28 ta’ Settembru 1997.

“Peress illi skond l-istess ftehim u partikolarment l-Art 10 tal-istess Dok. A, l-attur obbliga ruhhu illi jhallas lis-socjeta` konvenuta s-somma ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000).

“Peress illi l-attur obbliga ruhu li jhallas il-bilanc ta’ elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1,800) sat-22 ta’ Settembru 1997.

“Peress illi l-attur baqa’ ma hallasx il-bilanc dovut ta’ elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1,800) lis-socjeta` konvenuta.

“Jghid ghalhekk l-attur ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

“1. Tiddikjara li l-attur ghandu jhallas lis-socjeta` konvenuta is-somma ta’ elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1,800) skond il-ftehim tal-25 ta’ Awwissu 1997; u

"2. Tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta` konvenuta is-somma ta' elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1,800).

"Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mit-22 ta' Settembru 1997 kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut nomine li in forza taghha eccepixxa;

"1. Illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont huwa kollox imhallas u dan qabel ma beda l-avveniment."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru, 2004, li in forza taghha iddecidiet billi;

"Dwar it-talbiet attrici billi tilqa' l-ewwel talba, bl-ispejjez a kariku tas-socjeta` konvenuta. Tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni u t-tielet talba fi stadju ulterjuri.

"Dwar il-kontro-talba tiddeciedi billi tilqa' t-talba limitatament ghas-somma ta' *elf u mitejn Lira Maltin [Lm1,200]*, u tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut nomine din is-somma ta' Lm1,200. L-ispejjez ta' din it-talba ghandhom jigu sopportati mill-attur in kwantu ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] u r-rimanenti terz [$^{1}/_{3}$] jibqa' a kariku tal-konvenut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti. Fil-25 ta' Awwissu 1997 il-partijiet ftehmu fis-sens li l-attur jikri minghand is-socjeta` Benny's Catering Ltd. il-fond maghrufa bhala Palazzo Pescatore Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u dana ghal serata wahda bejn it-8.00pm tas-27 ta' Settembru 1997 u l-4.00am tal-ghada 28 ta' Settembru, sabiex l-attur izomm *dance music event* ghal circa 2,000 ruh. L-istess partijiet inkorporaw dan il-

ftehim fi skrittura privata[1] li fiha ndikaw il-kondizzjonijiet tal-kirja; fosthom li l-avveniment kellu jibda u jispicca fil-hinijiet fuq indikati u li l-konvenut nomine "*guarantees that the establishment remains open up to 04.00 hours*."[2]

"Ta' din il-kirja l-attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenut nomine is-somma ta' Lm2,000 "and moreover are presently paying the sum of Lm200 as a deposit on account of the price. The balance of Lm1,800 shall be paid by not later than the 22nd September 1997."[3]

"Illi l-avveniment inzamm fis-27 ta' Settembru kif ippjanat, u fit-8.00pm il-post infetah ghall-pubbliku bid-daqq tal-muzika. Fil-post kien hemm ukoll numru zghir ta' pulizija. Ghal habta tal-11.00am l-Ispettur Raymond D' Anastasi ta l-ordni sabiex il-muzika tieqaf u dan stante li skond il-licenzja tal-post, ghalkemm il-konvenut nomine seta' jzomm il-post miftuh sal-4.00am il-muzika kellha tieqaf sal-11.00pm.[4] Illi nonostante l-ordni tal-pulizija, ghalkemm il-muzika waqfet ghal ftit hin, jidher li wara ftit il-*party* kompla bil-muzika, daqqa titbaxxa u daqqa tghola. Sussegwentement bejn is-2.00am u 2.30am.[5] dahhlu grupp ta' pulizija u enforzaw l-ordni billi fizikament tfew il-muzika huma u anke gibdu l-wires sabiex jigi assigurat li dina ma tergax tibda. Mat-tifi tal-musika d-*dance music event* sfratta u, wara hafna protesti min-naha tal-pubbliku prezenti kontra l-pulizija, u anke xi incidenti zghar, in-nies bdew hergin bilmod. L-imsemmi Spettur jghid li huwa qaghad hemm sakemm inghalaq il-post ghal habta tat-3.00am sabiex jassigura li ma tergax tinxtghel il-muzika. [6]

"Illi konsegwenza tal-fatt li sfratta l-avveniment ghal habt tas-2.00am meta kien fil-*peak* tieghu, l-attur sofra danni deskritti minnu fil-prospett u li komplessivament jammonta ghas-somma ta' Lm75,178; rapprezentanti Lm7,523 "*General Expenses*", Lm14,255 "*DJ's Expenses*" u Lm53,400 "*Tickets Refunded and Loss of Profit*".[7]

---

[1] Fol.5
[2] Klawsola 15
[3] Klawsola 10
[4] Fols.167 u 168
[5] Deposizzjonijiet: .Attur Fol.38; Jeffrey Mallia Fol.51 u Konvenut Fol.154
[6] Fol.30
[7] Fols.64 - 66

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi rizultat ta' dan nibtet il-kwistjoni in disamina bejn il-partijiet. L-attur isostni li l-konvenut kien tah garanzija verbali li l-avveniment seta' jibqa' sejjer anke wara l-4.00am u li kellu l-licenzji opportuni sabiex jinzamm *dance music event* sal-hin indikat minnu, u l-indampjenza kontrattwali da parti tal-konvenut f'dan ir-rigward tirrendih responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

"Il-konvenut min-naha tieghu jsostni li skond l-iskrittura ffirmata minnhom ma kienx hemm indikat li l-muzika kellha tibqa' ghaddejja sal-4.00am. Fil-fatt ma kien hemm xejn specifikat dwar il-muzika u l-obbligu tieghu fit-termini tal-iskrittura kien biss li jassigura li l-post jinzamm miftuh mit-8.00pm sal-4.00am. L-istess konvenut jistrieh fuq il-principju li *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur*. Ghandu japplika biss il-ftehim skond l-iskrittura, u xejn aktar.

"In tema legali jigi osservat li l-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata jew mahlula obbligazzjoni [Art.960]. Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom [Art.992] u jorbtu lill-istess fit-termini taghhom. Il-kuntratti ghandhom jigu esegiwiti bil-*bona fede*.[Art.993]. "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda*." *[App.Civ.* ***Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines*** *deciza 5 ta' Ottubru 1998].*

"Konformament ma' dan, hija r-regola tradizzjonali u gurisprudenzjali li mhumiex ammessi provi testimonjali sabiex jigi stabbilit dak li mhux indikat fil-kuntratt; izda kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Carmelo Morana vs Nutar Dr.Joseph Spiteri***[8] deciza 26 ta' Mejju

[8] Vol.XXXVI.I.120 – vide kazistika citata

1952, ir-regola *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* mhix assoluta u ssofri eccezzjonijiet f'certi kazijiet.

"F'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita` ghandhom ikunu supremi". Fost il-kazijiet li fihom, skond il-gurisprudenza nostrana, jistghu jigi ammessi provi orali kontra l-prova miktuba, hemm il-kaz "meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma' l-att"

"Fil-mertu l-Qorti tosserva li, ghalkemm fl-iskrittura *de quo* ma kienx hemm indikat ebda hin dwar id-daqq tal-muzika, mill-provi jirrizulta ampjament li l-konvenut kien pjenament konxju li l-attur ried izomm *dance* *music* *event* imsejjah wkoll *mega dance music* event ghal numru kbir ta' nies. Ma jezisti ebda dubju li fl-intenzjoni taz-zewg partijiet il-post kien qed jinkera ghal dan l-iskop, u li l-karatteristika principali kienet id-daqq tal-muzika matul l-avveniment kollu. Jidher li, ghalkemm il-licenzja fuq il-post kienet tirrestringi l-hin tad-daqq tal-muzika sal-11.00pm, il-konvenut strah fuq il-fatt li f'okkazzjonijiet precedenti l-pulizija qatt ma enforzaw din il-kondizzjoni. Fix-xhieda tieghu huwa jghid li din kienet l-unika darba li kienu intervjenew il-pulizija u li f'kull pary li kellu qabel ma kellux problemi f'dan ir-rigward. Huwa semma' ukoll *party* partikolari fejn l-*party* dam sas-6.00am.[9]

"Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut isostni li meta giet iffirmata l-iskrittura l-attur kien jaf b'din ir-restrizzjoni fuq id-daqq tal-muzika ghax skond hu kien wera lill-attur il-permessi li kellu fuq il-post, inkluza l-licenzja tad-daqq tal-muzika. Il-konvenut ighid wkoll li, nonostante li l-attur kien konxu ta' din ir-restrizzjoni, huwa xorta accetta li jidhol fi ftehim, bl-isperanza li jirranga mal-pulizja fuq dan l-aspett.

"L-attur min-naha tieghu jsostni li mhux minnu li l-konvenut urieh kopja tal-permessi u tal-licenzji. Huwa

[9] Fol.157 – 158

jghid li, l-konvenut accertah li l-post kien *fully licensed*, urieh xi dokumenti, izda "karta ta' permess qatt ma urieni."[10] Jidher li l-attur strah fuq il-fiducja bazata fuq il-fatt li huwa kien attenda *parties* simili li kienu inzammu fil-post *de quo* minghajr xkiel; u ghalhekk il-Qorti tapprezza ir-raguni ghaliex l-attur ma hass li kellu jinsisti biex jara l-kopja tal-permess. *Inoltre*, t-tezi tal-konvenut li l-attur kien konxju tar-restrizzjoni tal-hin tad-daqq tal-muzika tfalli anke in bazi ta' dak li huwa logikament accettabbli. Il-Qorti tikkonsidera ferm inverosimili li l-attur izomm l-avveniment u jinkorri fi spejjez kbar, minghajr l-assigurazzjoni li l-avveniment muzikali jibqa' ghaddej minghajr xkiel almenu sal-4.00am.

"In bazi ghal premess il-Qorti hija tal-fehma li dwar dan l-aspett ghandha taghti affidament lit-tezi tal-attur u cioe` li dana kien assikurat mill-konvenut li l-avveniment seta' jibqa' ghaddej sal-4.00am u li ma kienx konxju tar-restrizzjoni fuq il-licenzja tal-hin tad-daqq tal-muzika. Min-naha tieghu, il-konvenut ma kellux dritt jiehu riskju, anke jekk bazat fuq esperjenzi precedenti, u jikri l-post ghal dan l-avveniment muzikali, minghajr ma jinforma lill-attur bl-imsemmija restrizzjoni. B'dan il-komportament tieghu, il-konvenut gie li naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu fil-konfront tal-attur, u ghalhekk ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali.

"Illi rigward il-liwidazzjoni tad-danni l-Qorti tosserva li ma jirrizultax li l-process huwa istruwit sufficjentement fuq dan l-aspett sabiex din il-Qorti tasal ghal gudizzju korrett f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant fuq it-tieni u t-tielet parti tat-talba ser tirriserva li tipprovdi wara li tisma' provi ulterjuri f'dan ir-rigward.

"**<u>Kontro talba</u>**

"Illi permezz ta' din it-talba l-konvenut rikonvenjonant qed jitlob li l-attur rikonvenzjonat jigi kkundannat ihallas is-

[10] Fol.36

somma ta’ Lm1,800 bilanc ta’ kera dovuta skond l-imsemmija skrittura.

“Illi fit-termini tal-iskrittura precitata l-attur hallas depozitu ta’ Lm200 mal-iffirmar tal-istess u kien ghad fadal bilanc ta’ Lm1,800 li kellu jithallas mhux aktar tard mit-22 ta’ Settembru 1997. Anke f’dan ir-rigward il-versjonijiet tal-partijiet huma dijametrikalment opposti.

“L-attur min-naha tieghu jsostni li mhux minnu li mal-iffirmar tal-iskrittura huwa hallas Lm200, imma fil-fatt kien hallas Lm800 bhala depozitu, u sussegwentement hallas il-bilanc ta’ Lm1,200 lill-konvenut. Ghalhekk m’ghad fadallu jaghti xejn. Il-konvenut min-naha tieghu jsostni li, minkejja li fl-iskrittura hemm li l-attur kien hallas Lm200, fil-fatt l-attur ma kienx tah flus; u jsostni li “minn dawk Lm2,000 sal-gurnata tal-lum qatt ma gbart Lira.”[11] Il-konvenut jispjega li huwa ma hass li kellu jirranga l-iskrittura biex tirrifletti dan il-fatt peress li dina kienet diga` iffirmata u lill-attur kien fdah. Inoltre, jghid il-konvenut li t-talba llimitaha ghas-somma ta’ Lm1,800, stante li fuq l-iskrittura hemm imnizzel li kienu thallsu Lm200 presenzjalment.

“Mill-premess jirrizulta pacifiku li f’dan ir-rigward l-iskrittura ma tirriflettix dak li realment kien sar, ghax iz-zewg partijiet innegaw li sar pagament ta’ Lm200 depozitu; izda, filwaqt li l-attur isostni li huwa hallas minflok, is-somma ta’ Lm800 depozitu, il-konvenut isostni li min-naha tieghu huwa ma rceva ebda pagament.

“In tema legali jigi osservat li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u ghalhekk huwa l-attur li qed jsostni l-pagament ta’ Lm800 li ghandhu jipprova li dan il-pagament fil-fatt kien sar. Min-naha tieghu l-konvenut m’ghandux ghalfejn jipprova li l-pagament ta’ Lm200 li jidher fuq l-iskrittura fil-fatt ma sarx, ghax dan il-fatt gie korroborat mill-istess attur.

---

[11] Fol.116

“Fil-mertu l-Qorti tirrileva li l-attur ma ghandhux ricevuta tal-pagamenti u l-allegazzjoni tieghu hija korroborata mix-xhud Lorna Micallef li f’dak iz-zmien kienet l-habiba tieghu. Fix-xhieda taghha, din qalet li hija kienet hadet hsieb l-kontijiet tal-*party* in kwistjoni, u li kienet ikkonsenjat lill-attur zewg *envelope*s wiehed kontenenti s-somma ta’ Lm800 u l-iehor is-somma ta’ Lm1,200, u dan f’zewg okkazzjonijiet separati. Fl-ewwel okkazzjoni hija kienet prezenti meta saret il-konsenja tal-*envelope* lill-konvenut. Hi ssostni li kienet hi li dak il-hin kienet ikkonsenjat l-*envelope* bil-flus lill-attur li min-naha tieghu fil-presenza taghha kkonsenjah lill-konvenut. L-attur ma nghatax ricevuta. Dwar it-tieni *envelope*, Lorna Micallef tghid li hija kienet poggiet fih is-somma ta’ Lm1,200 u kkonsenjatu lill-attur biex jikkonsenjah lill-konvenut. L-attur isostni li min-naha tieghu, huwa kien ikkonsenjah lill-konvenut. Min-naha tieghu l-konvenut cahad dan kollu. Ghat-tieni pagament allegat ix-xhud ma kienitx prezenti, izda kien hemm biss l-attur u l-konvenut.

“In propositu, gie osservat fil-kawza *Prim Awla [MCC] Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia* deciza fl-24.11.1966 li “Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant” Inoltre gie osservat ukoll li l-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili [ *App.Civ. Paul Vassallo et vs Carmelo Pace[1986] Vol.LXX.II.144]*

“Fil-mertu l-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, hija tal-fehma li, filwaqt li l-attur gab prova sodisfacenti fuq bazi ta’ probabbilita` dwar il-pagament ta’ Lm800, huwa ma

rnexxhielux jipprova li l-pagament ta' Lm1,200 fil-fatt kien sar. Dwar it-tieni pagament jigi osservat li kien l-oneru tal-attur li jipprova li sar dan il-pagament, u kien fl-interess tieghu li jara li jkollu xi forma ta' prova f'dan ir-rigward bhal ricevuta jew prova testimonjali. In mankanza ta' tali prova u fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-konvenut nomine, din l-allegazzjoni ma tistax titqies bhala sodisfacentement provata.

"Dan premess u kkunsidrat, la darba jirrizulta provat li l-attur hallas Lm800 mis-somma ta' Lm2,000, ghad baqa' bilanc dovut minnu lill-konvenut fl-ammont ta' Lm1,200; u ghalhekk it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija gustifikata sa dan l-ammont."

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi;

"tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa' t-tieni u tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000). L-ispejjes tal-kawza, *oltre* dawk gia` decizi, jithallsu mis-socjeta` konvenuta"

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"Illi kif jidher minn dak illi ntqal il-Qorti baqghalha biss tiddeciedi dwar l-ammont dovut *in linea* ta' danni jekk fil-fatt hu dovut lill-attur in vista tad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghall-istess danni kontenuta fis-sentenza fuq imsemmija.

"Kif jidher min-noti ta' osservazzjonijiet il-kwistjoni hija dwar jekk l-attur ipprovax li sofra d-danni li qed jghid li sofra in mankanza ta' ricevuti u dokumenti ohra li jsostnu t-talba tieghu. L-attur a fol. 65 u 66 tal-process ezebixxa rendikont li ghamel hu in konnessjoni ma' l-attivita` in kwistjoni u anke xehed dwar certi hlasijiet li qal illi ghamel izda kif sewwa rrimarka l-konvenut, kien nieqes hafna mid-dokumenti ohra li setghu jsostnu t-talbiet tieghu u l-

unici dokumenti li ezebixxa kienu dawk a fol. 67 u 68 tal-process. Dan jindikaw spejjez ta' elf, tmien mija u tmienja u sittin Lira Maltin (Lm1,868) u disa' mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm945). Wara ezebixxa *invoice* a fol 144 li tindika l-prezzijiet li bihom xtara x-xorb ghal dik l-okkazjoni. Il-Qorti tifhem li dan ma kienx telf ghaliex jew inbigh mill-attur jew gie ritornat u ghalhekk ma tarax rilevanza ghall-iskop ta' din il-kawza. L-istess dwar dik ezebit a fol. 178 u dik a fol. 258 u 260; huma *invece* rilevanti dawk esebiti a fol. 259 u 261 dwar kiri ta' dwal u apparat tal-hoss li jammontaw ghal mija u tlieta u erbghin Lira Maltin (Lm143) b'kollox. Mill-bqija ghalkemm l-attur semma diversi spejjez in konnesjoni ma' l-attivita` naqas mizerament li jipproduci ricevuti jew dokumenti rilevanti. Per ezempju jekk ingagga numru ta' *disc jockeys* barranin ma tifhimx kif ma kellux ricevuti tal-biljetti ta' l-ajru u tal-hlas li tahom jekk ma setax igib ricevuti tal-kirjiet ta' l-appartamenti fejn alloggahom. L-istess ghandu jinghad ghal spejjez ohra li qed jitlob u l-Qorti ma tistax tghattilu n-nuqqasijiet tieghu li jzomm ricevuti daqshekk leggerment. Wara kollox il-problema nqalghet dakinhar stess u ma kellux l-iskuza li seta' rema xi dokumenti ghaliex ma kienx qed jistenna li se jkollu jistitwixxi proceduri legali.

"Huwa minnu pero` li hemm cirkostanzi li fihom il-Qorti tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* kif ikkumentat din il-Qorti fil-kawza <u>Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Compan Limited</u> (1560/95 PS) deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004;

"*Ma jistax ikun dubitat li hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema ta' ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittattiva. Ara a propositu decizjoni a Vol XXXV parti iii pagna 615 fejn gie proprju rikonoxxut fuq l-istregwara ta' dak espress mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui non potendosi avere mezzi istruttori e rimesso al magistrato il valutare ex aequo et bono secondo i dettami della sua ragione e conosciena l'ammontare del danno del risarcimento del quale taluno fu condannato". Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi jipprexxindi mill-fatt li l-parti*

*istanti m'hiex esonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom ghall-iskop ta' determinazzjoni tat-telf. Minn naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwisiti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal-kriterji tal-apprezzament prudenti adottati li juri kif wasal ghal likwidazzjoni tal-quantum debeatur. Ara f'dan is-sens u fuq dan il-punt id-decizjoni riportata a Vol XXIX – i – pagna 1285.*"

"Ghalhekk il-Qorti fil-waqt li ma hijiex se takkorda lill-attur dak kollu li qed jitlob (u cioe` in eccess ta' sittin elf Lira Maltin {Lm60,000}) ghaliex hu stess naqas li jipprovdi provi dokumentarji li fic-cirkostanzi wiehed kien jistenna, billi ma hemmx dubju li hu sofra danni in eccess ta' dak indikat mid-dokumenti li esebixxa, il-Qorti se zzid pjuttost marginalment dan l-ammont biex minghajr ma taghmel tajjeb hi ghal dan in-nuqqas biex fic-cirkostanzi tal-kaz, ma thallix l-ammont jibqa' daqshekk irrizorju. Il-Qorti ma tiddubitax li d-danni li sofra l-attur kienu zgur jeccedu s-somma ta' elfejn, disa' mija u sitta u hamsin Lira Maltin (Lm2,956) li taghhom jezistu dokumenti. Barra minn dan ghamel hafna xoghol li tieghu baqa' ma hax frott minhaba dak li gara u ghalhekk se tillikwida d-danni pagabbli ghas-somma ta' hames elef Lira Maltin (Lm5,000)."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li dina l-Qorti, prevja l-akkoljiment tal-appell,

"tirrevoka u tannulla s-sentenzi moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, u cioe` sija dik tad-29 ta' Ottubru 2004 in kwantu laqghet l-ewwel talba attrici u sija dik tas-16 ta' Ottubru 2006 in kwantu laqghet it-tieni u tielet talbiet attrici, u b'hekk tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha;

“1) fl-ewwel lok tvarja s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Ottubru 2004 fl-ismijiet **David Mallia v. Benjamin Muscat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Benny’s Catering Limited**, u dan billi tikkonfermaha in kwantu din cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut u laqghet l-ewwel talba attrici, u tirrevokaha in kwantu din cahdet l-eccezzjoni ghall-kontro-talba u laqghet it-talbiet rikonvenzjonali limitatament ghall-ammont ta’ elf u mitejn Lira Maltija (Lm1,2000); u
“2) fit-tieni lok tvarja s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ Ottubru 2006 fl-ismijiet **David Mallia v. Benjamin Muscat ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Benny’s Catering Ltd**, u dan billi tikkonfermaha in kwantu din cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut u laqghet it-tieni u t-tielet talbiet attrici, izda tvarjaha in kwantu din illikwidat id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ hamest elef Lira (Lm5,000), liema somma ghandha tigi riveduta u awmentata skond kif din l-Onorabbli Qorti ssib li hu gust u xieraq, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine appellat.”

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta ghar-rikors tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li;

“i) in kwantu ghall-appell interpost mill-attur fir-rigward tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Ottubru 2004 koncernati l-kontro-talba tal-esponenti, dan ghandu jigi michud; u

“ii) in kwantu ghall-appell interpost mill-attur fir-rigward tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ Ottubru 2006 koncernanti t-talbiet attrici, dan ukoll ghandu jigi michud; bl-ispejjez kontra l-attur.”

Rat li fl-udjenza tat-3 ta’ Novembru, 2008, quddiem din il-Qorti, id-difensuri tal-partijiet taw b’ruhhom notifikati b’dak kollhu li kellu jigi notifikat f’din il-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Ikkunsidrat

Illi din hi kawza konsegwenza ta' ftehim li ffirmaw il-partijiet fil-25 ta' Awwissu, 1997. Is-socjeta` konvenuta hija sid fond maghruf bl-isem ta' "Palazzo Pescatore" li jinsab fi triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, fond li hi tuza biex fih torganizza ikliet u/jew '*parties*' jew billi torganizza l-attivita` hi stess jew billi tikrieh lil terzi ghal xi skop simili. Fil-fatt, bis-sahha tal-ftehim fuq imsemmi, s-socjeta` konvenuta kriet is-sala lill-attur biex dan jorganizza '*an event*' fis-27 ta' Settembru, 1997. Din is-serata kellha ssir bejn it-8:00pm tas-27 ta' Settembru, u l-4:00am tat-28 ta' Settembru, 1997. Is-socjeta` konvenuta tat garanzija li l-fond '*remains open up to 04:00 hours'.*

Il-licenzji ta' dan il-post kienu jindikaw li l-muzika setghet tindaqq biss sal-11:00pm, waqt li l-fond seta' jibqa' miftuh ghal-konsum ta' alkahol u xorb iehor sas-1:00am; fil-fatt, dan l-ahhar permess kien gie mgedded sal-4:00am, pero` skond l-ufficjal tal-Pulizija inkarigat mill-hrug tal-licenzji, peress li l-propjetarju tal-istabbiliment ma gabarx il-licenzja l-gdida, hu kien ghadu marbut li jaghlaq fis-1:00am.

L-avveniment – li kellu jiehu x-xejra ta' *party* b'muzika moderna (*disco*) – inzamm kif ippjanat fis-27 ta' Settembru. Il-post infetah fit-8:00pm u prezenti kien hemm ukoll numru zghir tal-pulizija; milli jidher il-pubbliku thalla jidhol fl-10:30pm jew il-11:00pm, u dana peress li l-Ispettur Raymond D'Anastasi, li kien fuq il-post, kien qed jinsisti li l-kondizzjonijiet tal-licenzja jigu rispettati u kellu inkontru shun mas-sid tal-fond dwar il-*party* li kien se jsir fil-lok. Jidher li fil-11:00pm il-muzika twaqfet ghal ftit hin, pero`, ftit wara l-*party* tkompla bil-muzika.

Sussegwentement bejn is-2:00am u 2:30am dahlu grupp ta' pulizija li enforzaw l-ordni biex tieqaf il-muzika, tant li fizikament qalghu l-*wires* minn mal-apparat tal-muzika sabiex jigi assigurat li l-muzika ma tergax tindaqq. Fis-sala kien hemm diversi nies li, mat-tifi tal-muzika, bdew

jilmentaw u juru d-dizapprovazzjoni taghhom b'ghajjat u tfiegh ta' xi oggetti fid-direzzjoni tal-pulizija. Ma nqalghux incidenti serji, pero`, u n-nies bdew hergin bil-mod, sakemm ghall-habta tat-3:00am jew 3:30am kien telaq kulhadd u l-post inghalaq.

L-attur jallega li hu nghata x'jifhem li l-post kien licenzjat ghat-tip ta' *party* li ried jorganizza u seta' jibqa' jdoqq il-muzika sas-7:00am, ghalkemm fuq il-ftehim, kif intwera, jinghad biss li l-fond seta' jibqa' miftuh zgur sal-4:00am. Hu ma rax licenzji pero`, jghid li dawn il-garanziji nghataw lilu verbalment u personalment mis-Sur Benny Muscat f'isem is-socjeta` konvenuta. Peress li l-*party* sfratta u hafna nies talbu l-flus tal-entratura lura, hu talab li jigi rizarcit ghad-danni li sofra.

Is-socjeta` konvenuta, da parti taghha, ssostni li l-attur kien jaf bil-limitazzjonijiet tal-licenzja, izda kienet urietu li f'okkazzjoni precedenti kien inzammu *disco parties* fil-post sas-sbieh filghodu u ma nqalghu ebda diffikultajiet mal-awtoritajiet. Peress li ghal din il-kirja l-prezz miftiehem kien ta' Lm2,000, u l-attur kien thallas biss Lm200 *deposit,* is-socjeta` konvenuta ressqet kontro-talba fejn talbet il-hlas tal-bilanc.

Ghal din il-kontro-talba, l-attur wiegeb billi eccepixxa l-pagament.

L-ewwel Qorti iddisponiet mill-kawza b'zewg sentenzi li in forza taghhom laqghet il-kontro-talba limitatament ghas-somma ta' Lm1,200 (flok Lm1,800 kif intalab) u laqghet it-talba attrici u ordnat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur *in linea* ta' danni s-somma ta' Lm5000, minnha likwidat *arbitrio boni viri*.

Iz-zewg partijiet appellaw mis-sentenzi.

L-attur ilmenta mill-fatt li hu gie kkundannat ihallas il-bilanc ta' Lm1,200 bhala prezz tal-kirja, peress li skond hu, s-somma kollha kien hallasha, u qed jitlob ukoll li s-somma ta' Lm5000 moghtija lilu bhala kumpens tizdied.

Is-socjeta` konvenuta, da parti taghha, ilmentat mill-fatt li hi nstabet responsabbli ghad-danni versu l-attur u, *in subsidium*, mill-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti peress li ssostni li l-attur ma ppruvax x'danni sofra u xi spejjez legalment inkorra ghal dan l-avveniment.

Qabel ma jigi trattat il-mertu, iridu jigu ezaminati zewg pregudizzjali mqajjma mis-socjeta` konvenuta. Fl-ewwel lok, hi lmentat mill-fatt li, peress li l-kawza ghaddiet minn taht diversi gudikanti, giet deciza minn Imhallef li ma semax hu *viva voce* hafna mix-xhieda prodotti fil-kawza

Argument simili gia` tressaq quddiem din il-Qorti fil-kawza ohra, u din il-Qorti fil-kawza "Aguis v. Vella", deciza fil-25 ta' April 2008, minghajr ma hliet hafna zmien dwaru, qalet hekk:

"Li Qorti ma tismax necessarjament xiehda *'viva voce'* izda toqghod ukoll fuq affidavits u traskrizzjonijiet ta' xhieda skond il-ligi hija haga proceduralment regolarissima."

Decizjoni simili, izda wara analazi aktar dettaljata, tat din l-istess Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza "Misfud v. Calleja", deciza fid-9 ta' Jannar, 2008. Kwindi, dan l-ilment qed jigi michud.

Fit-tieni lok, l-istess socjeta` konvenuta tecepixxi li l-attur ma jistax, f'dan l-istadju, jappella mis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2004, fir-rigward tal-kontro-talba, ghax f'dik is-sentenza l-ewwel Qorti iddisponiet b'mod definittiv mill-kontro-talba, u peress li din ghandha n-natura ta' "kawza" separata minn dik miftuha mill-attur, kellu jappella fi zmien 20 jum mid-data ta' dik is-sentenza. Fuq din il-kwistjoni, din il-Qorti tinnota li fit-termini tal-Artikolu 397 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta), meta titressaq kontro-talba l-effett hu li t-talba originali u l-kontro-talba jinstemghu f'process wiehed, u z-zewg talbiet jigu decizi "fl-istess kawza". Kwindi, l-kawza tibqa' wahda, u skond l-Artikolu 231(1) tal-istess Kap.12, jekk diversi kwistjonijiet "f'kawza" jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-

sentenzi “wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda’ jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza”. Kwindi, l-appell tal-attur fil-konfront tad-decizjoni fuq il-kontro-talba hija regolari, u l-ilment relattiv qed jigi michud.

Trattat issa l-mertu, l-Qorti tara li ghandha tibda mill-ilment tas-socjeta` konvenuta kontra s-sejbin fil-konfront taghha ta’ responsabbilita` ghad-danni. Din is-socjeta` tissottemetti li hi ma tat ebda garanzija li fil-post seta jindaqq muzika wara l-11:00pm, u l-uniku garanzija li tat hu li l-post seta’ jibqa’ miftuh sal-4:00am. Filwaqt li hu minnu li fuq l-iskrittura, ma hemmx indikazzjoni tan-natura tal-avveniment li kellu jsehh fil-post u lanqas dwar il-hin sa meta kien permess daqq ta’ muzika, l-attur jghid li r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta kien jaf bl-uzu li ried jaghmel mill-post, u verbalment tah garanzija li ma kienx se jkollu problemi mal-awtoritajiet dwar daqq ta’ muzika sa kmieni filghodu.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, il-principju *contra testimonium scriptum non scriptum non fertur* mhux assolut. Ghal din ir-regola hemm eccezzjonijiet, fosthom meta jkun irid jigi ppruvat xi patt incidentali u accessorju, jigifieri sekondarju u mhux irrikonciljabbli mal-iskritt, u meta jkun hemm ftehim verbali li jammonta ghal kondizzjoni li subordinament ghaliha saret il-konvenzjoni miktuba, u li minnha tiddependi l-ezekuzzjoni ta’ dik il-konvenzjoni – ara “Caruana v. Bonnici”, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar, 2003, u l-gurisprudenza kopjuza li ghaliha hemm referenza fl-istess sentenza.

Dwar in-natura tal-avveniment, din il-Qorti hi konvinta, bhal l-ewwel Qorti qabilha, li s-socjeta` konvenuta kienet taf li l-attur irid jikri l-post biex fih jorganizza “*dance music event*”, peress li l-aktar li kien jinkera l-post kien ghall-avvenimenti simili, u l-partijiet zgur li tkellmu dwar dan. Fil-fatt, fil-ftehim hemm diversi referenzi ghal oggetti jew kundizzjonijiet li wiehed, generalment, jassocja ma’ dawn it-tip ta’ *parties*, bhal obbligu ta’ *‘security personnel’* u pulizija ghal matul l-avveniment, bejgh ta’ biljetti lill-pubbliku, permess lill-ufficjali tal-‘*anti drug organisation*’

biex ikun prezenti, uzu ta' *"sound and light equipment"*, *bar sales* u uzu ta' *"fiscal cash registers"*. Kollox ma kollox, din il-Qorti tara li z-zewg partijiet kienu *on the same wavelength* dwar in-natura tal-avveniment li ghaliha l-attur kera l-fond.

Dwar l-licenzji tal-post, m'hemmx dubju li l-fond kien licenzjat ghal uzu bhala lok li fih jinzamm *disco party*. Il-kwistjoni ddur dwar jekk is-socjeta` konvenuta tatx garanzija li l-muzika setghet tindaqq sa sbieh l-ghada filghodu, kontra dak li kien stipulat fil-lincenzja. L-attur intrabat *"to hold the said event strictly according to law"* u skond principji generali hu kellu obbligu li jara li l-*party* li kien se jorganizza kien in regola u kopert bil-permessi kollha mehtiega (ara "Camilleri v. Tekno Electronics Ltd", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 2008). Dan jibqa' jsehh sakemm is-socjeta` konvenuta ma tatx garanziji li kollox kien diga` *"in order"* u li l-attur ma kellu jaghmel xejn aktar ghajr li jirreklama u jzomm l-attivita`. L-ewwel Qorti sabet favur l-attur wara li qalet li, fil-fehma taghha, dan kien assigurat mill-konvenut Benny Muscat li seta' jibqa' ghaddej bil-*party* sal-4:00am.

Din il-Qorti qrat ghall-darba darbtejn il-provi prodotti u frankament ma ssib xejn x'jikkonfortha kieku kellha taqbel mal-mod kif ddecidiet dan il-punt l-ewwel Qorti. Ma hemm xejn fl-atti li juru li lill-attur inghata garanzija mis-socjeta` konvenuta li seta' jdoqq sakemm ried. Jidher li z-zewg partijiet hekk fehmu: is-socjeta` konvenuta ghax gieli zammet *parties* fil-lok sa sbieh filghodu u qatt ma kellha problema, u l-attur ghax kien attenda *parties* simili li kienu inzammu fil-post u ma kienx hemm problemi. A bazi ta' din il-fehma, jidher li l-attur haseb li setgha jibqa' ghaddej minghajr ma joqghod jindaga aktar fuq premessi. Id-diskussjoni fuq dan il-punt bejn il-partijiet jidher li kienet wahda generali, fejn iz-zewg partijiet jirrikonoxxu dak li gara fil-passat, bl-attur jiddeciedi li jiehu riskju u jibqa' ghaddej. Ma jirrizultax, pero` li lilu nghatat garanzija li kollox kien in regola mal-awtoritajiet. Il-fatt li s-Sur Muscat qal lill-attur li, fil-passat, qatt ma kellu problemi, ma jfissirx li necessarjament kollox kien legali dwar l-uzu tal-fond u li, 'l quddiem, ma setghux jinqalghu problemi.

L-attur mhux l-ewwel darba li organizza *disco parties* simili, u jidher ukoll li mhux l-ewwel darba li kellu problemi mal-awtoritajiet. F’dan il-kaz, ra li meta jsiru *parties* fil-Palazz in kwistjoni, kollox jimxi b’mod regolari u minghajr problemi. Hu strah fuq din l-informazzjoni, pero`, kien hu li ha r-riskju, ghax ma nghata ebda garanzija dwar permessi u licenzji. Persuna li mhux l-ewwel darba tinvolvi ruhha f’dawn l-attivitajiet, jew tkun bizzejjed serja li tinsisti li tara l-licenzji u ticcekkja d-dokumenti ghall-affari taghha (haga li *ex admissis* l-attur m’ghamilx f’dan il-kaz), jew ma tkunx daqshekk serja u taqbad u torganizza attivita` bl-anqas spiza possibbli u bi speranza li, bhal ma gieli jigri, ma jinqala xejn. Ghal din l-ahhar attitudni, li ha l-attur f’dan il-kaz, ma tahtix is-socjeta` konvenuta.

Kif inhi ippernjata l-kawza, huwa l-attur li jrid jipprova l-allegazzjoni tieghu li s-socjeta` konvenuta tat “garanziji verbali” illi hu seta’ jibqa’ jdoqq il-muzika anke sas-sebgha ta’ filghodu(!), u fil-fehma ta’ din il-Qorti l-attur ma rnexxilux iwettaq dan l-obbligu mixhut fuqu.

Fid-dawl ta’ din il-konkluzzjoni, il-Qorti sejra tichad it-talbiet attrici, u ghalhekk, m’hemmx lok li tigi diskussa l-kwistjoni tad-danni li gew likwidati mill-ewwel Qorti favur l-attur wara li sabet lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghat-thassir tal-attivita` li organizza l-attur.

Ghar-rigward tal-appell tal-attur fuq is-sentenza tal-ewwel Qorti dwar il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, jidher li hemm hafna konfuzzjoni fil-provi. Is-Sur Benny Muscat ghas-socjeta` konvenuta, jghid li l-Palazz krih ghal Lm2000, u ma rcieva xejn minn din is-somma ghalkemm fuq il-ftehim kiteb li hu rcieva Lm200 depositu. L-attur jghid li hu hallas is-somma kollha miftiehma ta’ Lm2000. L-attur ressaq bhala xhud lill-*ex* tfajla tieghu, Lorna Micallef, li qalet li mal-kuntratt hi stess ippreparat u ghaddiet lis-Sur Muscat *envelope* bi Lm800 fi flus fih, u wara xi zmien ippreparat *envelope* iehor ta’ Lm1,200 flus u taghtu lill-attur biex ihallashom hu lis-Sur Muscat; jekk fil-fatt, l-attur tahomlux jew le ma tafx.

Dwar din il-kwistjoni, din il-Qorti fil-kawza “Cini v. Camilleri”, deciza fit-28 ta’ Lulju, 1982, osservat li,

*“dwar l-eccezzjoni tal-pagament, qalet sewwa l-Ewwel Qorti li din il-prova tispetta lill-konvenut li qed ighid li hallas. Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi “la prova del pagamento e’ a peso del convenuto che lo allega”, kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Mejju, 1885, fil-kawza Negte Michele Apap noe v. Giuseppe Grech. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantement ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur l-attur (Vol. XXXV.iii.604)”*

Fil-kawza “Grech v. Direttur Servizzi Socjali”, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-17 ta’ Ottubru, 2008, kompla jizdied li *“dik il-prova, fl-assenza ta’ ricevuta, trid tkun wahda univoka, konklussiva u, fuq kollox, konvincenti.”*

F’dan il-kaz, ma giet ipprezentata ebda ricevuta, u din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, m’hix konvinta li l-bilanc ta’ Lm1,200 thallas lis-socjeta` konvenuta. L-ewwel Qorti kellha okkazzjoni tisma’ x-xhieda ta’ Lorna Vassallo li kkonvincietha li hi stess ghaddiet Lm800 lis-Sur Muscat; din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dan l-apprezzament. Dwar il-bilanc ta’ Lm1,200 m’hemmx prova indipendenti u konklussiva li sar il-hlas, u kwindi ma jistax jinghad li l-attur irnexxielu jipprova l-pagament.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi miz-zewg appelli billi, fl-ewwel lok, tichad fl-intier tieghu l-appell tal-attur David Mallia, bl-ispejjez kontra tieghu, u billi, fit-tieni lok, tilqa’ l-appell tas-socjeta` konvenuta, tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta’ Ottubru, 2004, billi tirrevokha in kwantu biss din laqghet l-ewwel talba tal-attur, u tikkonfermha fejn u kif laqghet il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, u tirrevoka u thassar in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-16 ta’ Ottubru, 2006 u b’hekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha relatati, anke dawk in prim istanza, kontra l-istess attur; l-ispejjez in prim istanza relatati mal-kontro-talba jibqghu kif decizi

mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta' Ottubru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------